***WIEHED MID-DMIRIJIET EWLENIN LI GHANDHA KULL GHAQDA LI B'MOD JEW IEHOR TAHDEM F'QASAM MUŻIKALI, HUWA DAK LI ŻŻOMM HAJJA T-TIFKIRA TA' PERSUNI LI JKUNU TAW KONTRIBUT LIL DIN L-ARTI. DAN JISTA' JSIR BILLI META POSSIBBLI, SSEMMA' L-MUŻIKA KOMPOSTA MINN TALI PERSUNA JEW TWASSAL TAGHRIF DWAR IL-HIDMIET LI TKUN WETTQET L-ISTESS PERSUNA. MEZZ TAJJEB BIEX TWASSAL TAGHRIF SIMILI HUMA L-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-GHAQDIET MAHRUĠA F'DAN IŻ-ŻMIEN TA' FESTI U GHALHEKK PERMEZZ TA' DAN IL-KTIEB, IL-BORD EDITORJALI JIXTIEQ IWASSAL TAGHRIF DWAR MUŻIĊISTA MALTI LI DIN IS-SENA QED JITFAKKAR IL-165 SENA MIT-TWELID TIEGHU U LI MATUL HAJTU HADEM HAFNA FIL-GŻEJJER TAGHNA U HALLA B'WIRTU GHADD KBIR TA' XOGHOL. GHALHEKK MINN DAWN IL-PAĠNI NHALLU F'IDEJN GRAZIO A. GRECH BIEX IWASSLILNA TAGHRIF DWAR......***

# Mro. Francesco Decesare

**Dan** l-aħħar ippubblikajt ktieb bl-isem ta' **Mill-Istorja Mużikali ta' Għawdex**. Fih tajt tagħrif storiku dwar il-mużiċisti, il-kantanti, il-mużika sagra u l-Maestri Di Cappella Għawdxin u Maltin li kellhom konnessjoni ma' Għawdex bejn l-1710 u s-sena 2000.

Fost l-għadd ta' Maestri di Cappella msemmija hemm tagħrif dwar Francesco Decesare li din is-sena jaħbat għeluq il-165 sena mit-twelid tiegħu. Twieled Bormla fl-1837 u tħarreġ fl-arti mużikali għand is-surmast Francesco Mallia Cassar u aktarx taħt il-Patri Agostinjan Ġużeppi Spiteri Fremond.

Francesco Decesare minbarra kompożitur, kien ukoll kantant u surmast suġġeritur ta' l-opri fit-teatru Rjal bejn l-1879 u l-1885 taħt l-impreżarji Ettore Zimelli u Giuseppe Malfiggiani.

Il-konnessjoni tiegħu mal-gżira Għawdxija tmur lura għas-sena 1860. Insibu li f'dik is-sena it-tenur **F. Decesare**, ingħaqad mal-membri tal-mużika tal-Kappella tal-Kattidral ta' Għawdex għall-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija u fil-kotba storiċi ta' din il-festa insibuh imsemmi fis-snin 1866, 1867, 1871 u 1875. Il-ħlas li rċieva fis-snin 1866, 1867 u 1871 kien dak ta' 30 skud kull darba.

Il-ġurnal *Il Portofoglio Maltese* tal-20 ta' Awissu 1872, jgħarrafna li f'dik is-sena ma' F. Decesare kien ħa sehem fil-festa ta' Santa Marija, ukoll ħuh Roberto. Jgħarrafna ukoll li f'din l-okkażjoni kienet ġiet esegwita l-kompożizzjoni ***Litanie*** ta' Roberto. Din il-kompożizzjoni illum hi arkivjata fl-arkivju mużikali tal-Katidral ta' Għawdex.

Barra dan, minn reġistri ta' l-eżitu tal-festa ta' San Pietru u San Pawl li tiġi ċċelebrata n-Nadur, u minn diversi ġurnali, nafu li fis-snin 1880 - 1890, Francesco Decesare kien jieħu sehem bil-mużika tiegħu fil-festa ta' l-Imnarja fin-Nadur. Il-ġurnal *Risorgimento* tat-3 ta' Lulju 1888, jgħarrafna li l-mużika li nstemgħet fil-festa ta' l-Imnarja fin-Nadur, kienet superjuri għas-snin ta' qabel u kienet immexxija mis-surmast Francesco Decesare. Jgħarrafna ukoll li għal din l-okkażjoni is-surmast Decesare kien ikkompona ***Qui Sedes*** għal tenur u vjolin.

Mro. Francesco Decesare kien jieħu parti ukoll bil-mużika tiegħu f'diversi parroċċi u knejjes f'Malta, fosthom f'dik tal-Mellieħa. Kien ukoll ikanta bħala tenur f'għadd ta' knejjes fuq mużika ta' surmastrijiet oħra.

Konnessjoni oħra li Francesco Decesare kellu mal-gżira Għawdxija kienet dik meta fil-bidu tas-snin disgħin tas-seklu dsatax, inħatar Surmast Direttur tal-Banda ***Calypso*** li kienet għadha kif twaqqfet fin-Nadur.

Iżda, l-aktar tifkira ħajja li għad fadal f'Għawdex ta' Francesco Decesare hi bla dubju ta' xejn il-mużika sagra li kkompona u li tinsab arkivjata f'għadd ta' arkivji mużikali.

Fl-arkivju mużikali tal-Katidral ta' Għawdex insibu diversi xogħlijiet tiegħu. Fost dawn insibu ***Gloria in Excelsis, Sanctus, Tantum Ergo, Ave Maria Stella, Kyrie, Salve Regina*** u ***Requiem.*** Ma' dawn insibu ukoll il-kompożizzjonijiet ta' ***Litanie della B.V. Maria*** u ***Agnus Dei,*** li huma datati 14 ta' Awissu 1869.

Fl-arkivju mużikali ta' Mons. Ġużeppi Farrugia, illum Arċipriet tal-Bażilika Kolleġġjata ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria, insibu arkivjati għadd ieħor ta' mużika sagra kompożizzjoni ta' Francesco Decesare. Fost dawn insibu ***Tantum Ergo, Regina Coeli, Salve Regina***, diversi ***vespri*** u quddiesa bl-isem ta' ***Qui Tollis.***

Kompożizzjoni bl-isem ta' ***Salve Regina*** tinsab ukoll arkivjata fl-arkivju ta' Mro. Joseph Debrincat, waqt li fl-arkivju tas-Soċjeta' Filarmonika Leone tar-Rabat Għawdex insibu ukoll ***Salve Regina*** ta' Francesco Decesare addattata għall-banda.

Mro. Francesco Decesare miet nhar il-5 ta' Frar, 1905 ġewwa Tas-Sliema.

*Kopja tal-ktieb* ***Mill-Istorja Mużikali ta' Għawdex,*** *li minnu hu mislut it-tagħrif t'hawn fuq, jista' jinkiseb mingħand l-awtur.* ***(G.A. Grech, Triq tas-Salib, Xewkija, Għawdex)***